Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**NOEL CUSCHIERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2013

Appell Civili Numru. 45/2012/1

**Philip Grima**

**v.**

**Avukat Generali**

1. Dan hu appell minn sentenza moghtija fit-12 ta’ Ottubru 2012 mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, li biha dik il-Qorti cahdet it-talbiet tar-rikorrent, liema talbiet jaqraw hekk:
“……. li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li [a] id-digriet moghti mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta’ Mejju 2012 fil-kawza 65/2007 *Perit Joseph Barbara et vs Onor. Prim*

*Ministru* li cahad ir-rikuza tal-Imhallef Onor. Dr. Giannino Caruana Demajo jivvjola l-Art.6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u [b] konsegwentement bhala rimedju thassar l-istess digriet."

2. Id-digriet fuq indikat jaqra hekk:
"1. Dan il-provvediment huwa dwar eċċezzjoni ta' rikuża dwar l-Imħallef Giannino Caruana Demajo mressqa mill-konvenut appellant Philip Grima fis-seduta tas-16 ta' April 2012. L-eċċezzjoni tressqet għax dak l-imħallef "fuq każ identiku dwar appartament ieħor fl-istess blokk kien iddeċieda fil-meritu u din is-sentenza appellata timxi pedissikwatament ma' dik is-sentenza *oltre* li żiedet ammont għal danni morali". Is-sentenza mogħtija mill-Imħallef Caruana Demajo kienet dik tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali maqtugħa fil-11 ta' Ottubru 2011 fl-ismijiet Angela Balzan *versus* Prim' Ministru *et*[1]. Dik is-sentenza tgħid fost ħwejjeġ oħra illi l-applikazzjoni tal-art. 12A tal-Kap. 158 għall-proprjetà li dwarha saret il-kawża tikser il-jeddijiet ta' sid dik il-proprjetà mħarsa taħt l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.

"2. Għalkemm l-eċċipjent ma speċifikax id-dispożizzjoni tal-liġi li taħtha qiegħed jitlob ir-rikuża, jidher illi t-talba hija msejjsa fuq l-art. 734(1)(*d*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

"**734.** (1) L-imħallef jista' jiġi rrikużat jew jista' jastjeni ruħu milli joqgħod fil-kawża –

"(*d*) (i) jekk ikun ta l-parir tiegħu, ittratta quddiem il-qorti jew kiteb dwar il-kawża jew dwar kull ħaġa oħra li għandha x'taqsam mal-kawża jew tiddependi minnha,

(ii) jekk il-kawża kienet ġa ġiet quddiemu bħala imħallef jew bħala arbitru."

[1] Rikors kostituzzjonali numru 15/2008.

"3. Il-kawża Angela Balzan *versus* Prim' Ministru *et* kienet dwar interpretazzjoni u applikazzjoni tal-istess liġijiet li ġew invokati fil-każ tallum. Il-fatti wkoll jixxiebhu għax l-appartament li dwaru saret il-kawża ta' Balzan huwa fl-istess blokk ta' appartamenti li fih qiegħed l-appartament li dwaru saret il-kawża tallum.

………………omissis………………

"1. Madankollu, għalkemm il-fatti taż-żewġ kawżi jixxiebhu kif imfisser fuq, u l-konsiderazzjonijiet legali li jgħoddu għal każ x'aktarx illi jgħoddu għall-ieħor ukoll, ma jistax jingħad illi ż-żewġ kawżi huma l-istess, b'mod illi meta l-Imħallef Caruana Demajo ta l-fehma tiegħu fis-sentenza ta' Balzan kien qiegħed jagħti l-fehma tiegħu fuq il-kawża tallum, fejn il-partijiet huma differenti u l-appartament ukoll huwa differenti. Li kien hekk, kull imħallef li jagħti sentenza dwar interpretazzjoni ta' liġi u l-applikazzjoni tagħha għal fatti partikolari ma jkun jista' jisma' ebda kawża oħra fejn l-istess liġi tiġi applikata għal fatti li jixxiebhu. Imħallef li jagħti deċiżjoni li mgħax fuq self ma jistax jaqbeż l-ogħla rata li tagħti l-liġi ma jkun qatt iżjed jista' jisma' kawża dwar imgħax b'użura. Dan huwa manifestament assurd. Meta l-liġi tgħid illi mħallef jiġi rikużat għax ikun kiteb *etc.* "dwar il-kawża", tifhem illi trid tkun il-kawża *de qua* u mhux kawża oħra li tixbahha.

"2. Relevanti wkoll huwa l-art. 733 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

"**733.** L-imħallfin ma jistgħux jiġu rrikużati u lanqas jistgħu jastjenu ruħhom milli joqogħdu f'kawża miġjuba quddiemhom fil-qorti li fiha huma maħtura biex joqogħdu, ħlief għal xi waħda mir-raġunijiet hawn wara msemmijin."

"3. Fil-fehma tal-qorti, għalhekk, ma hemm ebda raġuni li tiswa fil-liġi għala l-Imħallaf Caruana Demajo għandu, jew ukoll jista', ma jismax il-kawża tallum. L-eċċezzjoni ta' rikuża hija għalhekk miċħuda. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jħallashom l-eċċipjent Philip Grima."

3. Permezz tar-rikors tal-appell tieghu, ir-rikorrent appellant qed jitlob li din il-Qorti, ghar-ragunijiet hemm indikati, thassar is-sentenza appellata, u minflok tilqa' t-talbiet bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat.

4. Min-naha tieghu l-intimat appellat qed jitlob li din il-Qorti, ghar-ragunijet indikati fir-risposta tieghu, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimat.

<u>Il-Fatti</u>

5. Dawn huma sufficjentement delineati fis-sentenza appellata li, fil-parti relevanti taghha, taqra hekk:
Illi fil-kawza "Il-Perit Joseph Barbara et vs Onor. Prim Ministru et", pendenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali komposta mis-Sinjoria tieghu, il-Prim' Imhallef u l-Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo u Noel Cuschieri, ir-rikorrent Philip Grima talab ir-rikuza ta' l-Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo peress li, meta kien sedenti l-Prim' Awla tal-Qorti Civili kien iddecieda kawza ohra b'mertu simili ghall-mertu ta' din il-kawza. Din il-kawza kienet bdiet tinstema' quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili ppresjeduta mill-Onor. Imhallef Caruana Demajo, pero', qabel ma ta d-decizjoni tieghu, din il-kawza giet trasferita ghal quddiem l-Onor. Imhallef Anthony Ellul li ta s-sentenza li minnha sar appell ghal quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Ir-rikorrent jargumenta li meta l-Onor. Imhallef Ellul ta s-sentenza tieghu f'din il-kawza, segwa l-principji li gew enuncjati mill-Onor. Imhallef Caruana Demajo fil-kawza l-ohra ("Balzan vs Onor. Prim Ministru", deciza fil-11 ta' Ottubru 2011), u ghalhekk qed jissottometti li l-Imhallef Onor. Caruana Demajo ma jistax ikun imparzjali ghax qed ikun qed jirrevedi decizjoni li tixbah sentenza li hu kien ta sedenti l-Prim' Awla tal-Qorti Civili. Quddiem il-Qorti Kostituzzjonali din it-talba giet michuda minn dik il-Qorti b'decizjoni tas-7 ta' Mejju 2012.

<u>Is-Sentenza Appellata</u>

6. Illi l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha li tichad it-talbiet tar-rikorrenti, wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:
“Fil-kawza “Balzan vs Onor. Prim Ministru et”, din il-Qorti, kif presjeduta mill-Onor. Imhallef Caruana Demajo kienet iddecidiet illi l-applikazzjoni ta’ l-artikolu 12A tal-Kap. 158 ghall-proprjeta’ attrici msemmija fir-rikors tikser il-jeddijiet taghha mharsa taht l-artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Dak l-artikolu jipprovdi dritt ghal censwalist cittadin Malti, li jkun qed jokkupa l-fond bhala residenza ordinarja tieghu, li f’gheluq ic-cens jikkonverti b’titolu f’wiehed ta’ kera u jibqa’ in okkupazzjoni tal-fond billi jhallas kera daqs kemm kien ic-cens qabel b’zieda sa mhux aktar mid-doppju skont l-indici ta’ l-gholi tal-hajja. Il-Qorti qalet li dak l-artikolu applikat ghall-fattispecie partikolari tal-kaz li kellha quddiemha, ma jharisx il-proporzjonalita’ u t-tqassim xieraq ta’ pizijiet u beneficcji li jrid l-1 artikolu ta’ l-Ewwel Protokoll. Fil-kawza “Barbara et vs Onor Prim Ministru et”, din il-Qorti, kif presjeduta mill-Onor. Anthony Ellul, waslet ghall-istess konkluzjoni wara li qieset ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz li kellha quddiemha. Din il-Qorti, f’din il-kawza, irreferiet ghad-decizjoni “Balzan vs Onor. Prim Ministru et” li kienet giet deciza precedentement, izda l-aktar li strahet kien fuq diversi decizjonijiet tal-Qorti Ewropea, fosthom “Amato Gauci vs Malta”, deciza fil-15 ta’ Settembru 2009, u “Spadea et vs Italy”, deciza fit-28 ta’ Settembru 1995. Il-Qorti qalet li, fic-cirkostanzi tal-kaz, il-piz li s-sid qieghed jintalab li jgorr hu eccessiv u ma hemmx “a fair balance” li trid il-Konvenzjoni. Ghalkemm il-principji legali li gew segwiti fiz-zewg kawzi jista’ jidher l-istess, fil-verita`, il-principju ta’ proporzjonalita’ u li s-sid ma ghandux jitghabba “with an excessive burden” huwa principju li, tista’ tghid, inholoq bhala punt ta’ dritt mill-Qorti Ewropea, u dak li ghamlet din il-Qorti fiz-zewg kawzi msemmija kien li applikat dawn il-principji ghall-fattispecie tal-kaz li kellha quddiemha. Ic-cirkostanzi taz-zewg kawzi kienu simili hafna ghax il-provenjenza taz-zewg proprjetajiet jirrisalu ghall-istess att ippubblikat min-Nutar Dr. Paul Pullicino fl-14 ta’ Gunju 1957, pero’, dan ma jfissirx li z-zewg kawzi huma l-istess, b’mod li meta l-Imhallef Caruana Demajo ta l-fehma tieghu fis-sentenza “Balzan vs Onor. Prim Ministru et”,

intrabat li jaghti l-istess fehma fuq il-kaz li ta lok ghal dawn il-proceduri, fejn il-partijiet huma differenti u l-appartament huwa ukoll differenti. Wiehed irid jenfasizza ukoll illi filwaqt fil-kawza “Balzan vs Onor. Prim Ministru et”, l-Onor. Imhallef Caruana Demajo kien qed jippresjedi din il-Qorti, issa qed jippresjedi qorti kolleggjali komposta minn tlett Imhallfin, fejn allura, il-vuci ta’ l-Imhallef Caruana Demajo hija f’minoranza.  Fuq kollox ukoll, mhux inawdit li gudikant ibiddel il-fehma tieghu fuq materja avolja c-cirkostanzi bejn iz-zewg kawzi jkunu jixxiebhu (ara, per ezempju, il-kawza “Spiteri vs Sciberras”, deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta’ Ottubru 2005, fejn il-gudikant wera li kien qed ibiddel fehmtu minn dak minnu stess espress f’kawza ohra precedenti), u ma ghandux jigi prezunt li gudikant sejjer a priori jibqa’ jwebbes rasu anke jekk, f’kawza ohra, iressqulu argumenti konvincenti.  Kif intqal fil-ktieb ta’ van Dijk et (“Theory and Practice of the European Convention on Human Rights”, 4th Edit., 2006, pagna 614):

“For impartiality it is required that the court is not biased with regard to the decision to be taken, does not allow itself to be influenced by information from outside the court room, by popular feeling, or by any pressure whatsoever, but bases its opinion on objective arguments on the ground of what has been forward at the trial.”  Zgur li ma jistax jinghad, f’dan il-kaz, li l-Qorti Kostituzzjonali, kif komposta, ma taghtix fiducja oggettiva li sejra titratta l-kaz a bazi ta’ argumenti li jirrizultaw f’dan il-kaz. Il-fatt li gudikant wiehed komponenti din il-Qorti ta’ sentenza f’kawza li ghandha cirkostanzi simili, ma jfissirx li dak il-gudikant ma jistax ikun oggettiv f’din il-kawza ukoll.  Kif inghad fl-imsemmi ktieb ta’ van Dijk et (ibid pagna 618), “doubts about impartiality is also justified in case a judge who participated in a judgment of first instance also participates in the hearing of an appeal against the same judgment”, pero’, dan mhux il-kaz hawnhekk ghax iz-zewg kawzi m’humiex l-istess. Hu komuni u inevitabbli li gudikant, anke f’sede differenti, jitratta kawzi b’cirkostanzi simili u relatati (ara bhala rifless fuq dan il-punt il-kaz “Gillow vs The United Kingdom”, deciz mill-Qorti Ewropea fl-24 ta’ Novembru 1986).

"Fl-ahhar nett, fil-fehma tal-Qorti, iz-zewg kawzi tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li ghalihom irrefera r-rikorrent, huma totalment irrelevanti ghall-finijiet tal-kaz odjern. Fil-kaz Micallef v. Malta, il-Qorti sabet ksur ta' l-imparzjalita` ta' wiehed mill-gudikanti f'kuntest totalment differenti in vista tal-parentela tieghu ma' wiehed mill-avukati li kien qed imexxi l-kaz tal-klient tieghu quddiemu.

"Filwaqt li fil-kaz tas-San Leonard Band Club v. Malta, il-ksur instab biss ghax il-gudikanti in kwistjoni, kienu rinfaccjati b'talba biex jiddeciedu jekk huma stess kinux ikkommettew applikazzjoni hazina tal-ligi fid-decizjoni li kienu ddecidew ftit qabel li allura kien ifisser li huma riedu jiggudikaw lilhom infushom dwar l-abilita' taghhom li japplikaw il-ligi."

L-Appell

7. In sustanza dan l-aggravju hu fis-sens li z-zewg kawzi, dik ta' *Angela Balzan*, u dik tal-*Perit Joseph Barbara*, huma identici in kwantu it-tnejn jattakkaw l-istess ligi, kif ukoll "ghal dak li jirrigwarda l-interess specifiku ta' Philip Grima [intimat fil-kawza Perit Joseph Barbara] huwa identiku ghall-istess interess li ghandu Brian Bajada [intimat fil-kawza Angela Balzan] fil-kawza l-ohra]." Jghid li l-fatti huma l-istess, u li z-zewg kawzi huma "it-tnejn slices mill-istess torta". Anke r-rimedju moghti mill-ewwel Qorti fiz-zewg kawzi huwa l-istess, salv ghall-fatt li fis-sentenza fil-kawza *Perit Joseph Barbara* nghata kumpens. Ghalhekk, ir-rikorrent isostni li r-rikuza tal-imsemmi imhallef hija necessarja biex tizgura l-imparzjalita` tal-gudikant.

8. Min-naha tieghu l-intimat isostni li, ghalkemm huwa minnu li fiz-zewg kawzi giet attakkata l-kostituzzjonalita` tal-istess ligi, izda s-sitwazzjoni fattwali kienet differenti fis-sens li l-imhallfin li ddecidew il-kaz fil-prim istanza kienu differenti, il-partijiet kienu differenti, ic-cirkostanzi kienu differenti in kwantu ghall-fondi u ghall-quantum tal-kera, il-konsiderazzjonijiet u l-motivazzjonijiet fiz-zewg sentenzi huma distinti minn xulxin anke jekk waslu ghall-

istess konkluzjoni, u cioe` li kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti rispettivi, u r-rimedji wkoll kienu differenti in kwantu, filwaqt li fil-kaz ta' *Angela Balzan* id-dikjarazzjoni tal-lezjoni ta' drittijiet fundamentali kienet l-uniku rimedju li ta l-Imhallef Caruana Demajo, fil-kaz tal-*Perit Joseph Barbara*, l-Imhallef Ellul akkorda wkoll kumpens pekunjarju.

Konsiderazzjoni tal-Qorti

9. Fis-succint, ir-rikorrenti jsostni li, peress li fil-kaz *Angela Balzan* l-Imhallef Caruana Demajo fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili, ppronunzja ruhu fuq punt ta' ligi, fil-qafas tac-cirkostanzi partikolari ta' dak il-kaz, allura ma jistax ikun jew ma jistax jaghti dehra ta' imparzjalita` fil-kawza *Perit Joseph Barbara* fejn il-fatti huma f'diversi aspetti simili ghal dak deciz minnu.

10. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-argument huwa fattwalment u legalment insostenibbli, u dan ghar-ragunijiet segwenti:

11. Illi fil-kaz **Lindon, Otchakovsky-Laurens and July v. France**[2] osservat hekk in propozitu dwar il-kriterju ta' imparzjalita` oggettiva:
"11. As to the second test, when applied to a body sitting as a bench, it means determining whether, quite apart from the personal conduct of any of the members of that body, there are ascertainable facts which may raise doubts as to its impartiality. In this respect even appearances may be of some importance. It follows that when it is being decided whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular body lacks impartiality the standpoint of those claiming that it is not impartial is important but not decisive. What is decisive is whether the fear can be held to be objectively justified [see, for exampe*, Gautrin and Others* and *Kyprianou*, both cited above, para. 58 and118 respectively.][3]

[2] Appl. 21279/02 u 36448/02, deciz 22 Ottubru 2007
[3] Sottolinear ta' din il-Qorti

12. Illi fl-ordni guridiku ta’ Malta ma hemmx il-ligi tal-precedent, jew dak paralleli tal-i*stare decis*[4] u ghalhekk ma hemm xejn x’josta li dik l-istess Qorti, presjeduta mill-istess Imhallef tippronunzja ruhha mod iehor f’kaz iehor li ghalkemm separat ghandu fatti simili. Dan japplika b’aktar qawwa meta l-Qorti li tkun ppronunzjat ruhha tkun wahda tal-prim istanza. Ghalhekk l-istess Imhallef jista’ jkollu ripensament fuq punti ta’ ligi maghmula f’kazijiet precedenti, u jiddeciedi mod iehor fil-kaz li jkollu quddiemu.

13. Dan japplika b’aktar qawwa meta l-Qorti, bhal din il-Qorti, tkun komposta kolleggjalment, fejn allura, mhux eskluz li Imhallef ibiddel fehmtu dwar punt ta’ ligi, wara, konsiderazzjoni tas-sottomissjonijiet maghmula fl-istadju ta’ appell, u wara li l-kaz ikun gie kolleggjalment diskuss mal-Imhallfin l-ohra qabel ma tinghata s-sentenza.

14. Inoltre, huwa relevanti li, apparti mill-fatt li l-partijiet fiz-zewg kawzi huma differenti, kif ukoll huwa differenti l-fond u l-valur tieghu, inkluz dak lokatizju, iz-zewg kawzi gew decizi minn Imhallfin differenti, li waslu ghall-istess konkluzjoni wara indikazzjoni tal-konsiderazzjonijiet maghmula minnhom.

15. Ghalhekk fil-kaz odjern ma jistax validament jinghad li, il-fatt li l-Imhallef Caruana Demajo huwa wiehed mill-membri komponenti l-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza *Perit Joseph Barbara*, idghajjef l-imparzjalita` ta’ din il-Qorti, la oggettivament u wisq anqas soggettivament. Il-biza’ jew id-dubju tar-rikorrent ma jistax jitqies bhala *“objectively justified”.*

16. Inoltre, jigi osservat li, ghalkemm huwa minnu li l-fatti specie tal-kaz *Perit Joseph Barbara* huma simili ghal dawk tal-kaz *Angela Balzan,* u, ghalkemm huwa minnu li l-Imhallef Anthony Ellul li sema’ u ddecieda l-kaz *Perit Joseph Barbara,* fil-prim istanza*,* wasal fuq certu aspetti

---

[4] Ara per ezempju, *App.* ***Dr.Vladimir Formosa v. Direttur tas-Sigurta` Socjali,*** *4 ta’ Mejju 1992; u App****. Maria Debono et v. Av. Paolo Mercieca,*** *30 ta’ Jannar 2004.*

ghall-istess konkluzjoni, li wasal ghaliha l-Imhallef Caruana Demajo, izda mhuwiex minnu li l-Imhallef Ellul f'dan l-ahhar kaz *"mexa pass pass"*[5] mas-sentenza li ta l-Imhallef Caruana Demajo fil-prim istanza, kif sostnut mir-rikorrenti.

17. Dan qed jinghad ghax, ghalkemm huwa minnu li l-Imhallef Ellul fis-sentenza tieghu, irreferi ghas-sentenza moghtija fil-kaz ta' *Angela Balzan* u l-principji hemm indikati, izda kif jidher car mill-istess sentenza din kienet konsiderazzjoni wahda, fost id-diversi konsiderazzjonijiet maghmula, u kazijiet citati minnu fis-sentenza *Perit Joseph Barbara*.

18. Huwa relevanti wkoll il-fatt li, l-ewwel Qorti, meta rreferiet ghas-sentenza *Angela Balzan*, indikat li *"Minn dik is-sentenza sar appell".* Dan ikompli juri li l-Qorti fil-kaz *Perit Joseph Barbara* waslet ghad-decizjoni taghha unikament fuq l-istregwa ta' dak deciz fil-kawza *Angela Balzan,* li allura kien ghadu jrid jigi deciz definittivament fl-istadju tal-appell, izda fuq il-konsiderazzjonijiet ohra wkoll maghmula minnu u li jinsabu indikati fis-sentenza, u li wasslu lil dik il-Qorti, sabiex tiddeciedi kif iddecidiet. Di fatti, fejn dehrilha li kellha tiddeciedi mod iehor, hekk ghamlet, kif juri l-kap tas-sentenza li jitratta dwar ir-rimedju moghti.

19. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa manifestament infondat.

<u>Decide</u>
Ghaldaqstant tiddeciedi billi tichad l-appell, u tikkonferma s-sentenza appellata. Bl-ispejjez kollha a kariku tar-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

---

[5] Rikors promotur

---------------------------------TMIEM---------------------------------